MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Numru. 908/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**Vs**

**Francesco Sant ta’ 79 sena, iben il-mejjet Antonio u l-mejta Giovanna nee’ Sant imwieled Hal-Qormi fit-12/02/1925, u joqghod Tom Jones, Mater Boni Consigli, Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 123925(M)**

**<u>Illum 10 ta’ Jannar, 2006</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u cioe` talli fil-Fgura, jew/u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Dicembru 2003 u fil-gimghat precedenti,

1) b’eghmil zieni, ikkorrompejt lill-persuna taht l-eta’ u cioe` lil Juan Carlos Ceci, minorenni ta’ tlettax (13) il-sena;

2) offendejt l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali.

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-istess imputat ghall-proceduri sommarji, kif ukoll illi fi stadju ta’ stharrig huwa ammetta l-ewwel akkuza b’dan illi l-Avukat Difensur ikkontenda illi t-tieni akkuza hija mezz ghall-ewwel wahda.

Rat il-Fedina Penali ta’ l-akkuzat li hija ghal kollox netta.

Taqbel ma dak espost mill-Avukat Difensur dwar it-tieni akkuza.

Rat l-istqarrija ta’ l-istess akkuzat kif ukoll il-Fedina Penali tieghu.

Issibu hati fuq ammissjoni wara li rat l-artikoli 203, 209 kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qed tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin.

Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------